ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 36/2021/09

**Data tal-laqgħa:** 18 ta' Novembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-17:30hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 36.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

36.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 36.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 35

36.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 35 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 11/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali.

36.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/9/2021 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li tagħti informazzjoni dwar il-proċess u l-finanzjament ta' *Grant Schemes* lill-Kunsilli Reġjonali/Lokali.

36.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand il-Kappillan rigward l-għajnuna li l-Kunsill ta 89sabiex saru l-boroż ta' San Martin għat-tfal Koppin.

36.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand resident, li ser ikun qed jibni blokka appartamenti f'Misraħ iż-Żerniq, biex jinqalgħu żewġ arbli tad-dawl minħabba x-xogħol ta' kostruzzjoni.

36.3.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill iġib stima biex naraw kemm tiġi tiswa biex dawn iż-żewġ arbli jinqalgħu. Din l-ispiża titħallas mill-persuna li għamlet it-talba.

36.3.4.2 Apparti hekk, il-Kunsill ser ikun qed jitkellem man-Nexos biex jara kif jista' jgħaddi dawl ġdid għax il-pjazza ma tistax titħalla fid-dlam.

36.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand l-Għaqda Mużikali San Leonardu rigward attività tal-Milied li ser ikunu qed jorganizzaw fil-11 u t-12 ta' Diċembru, 2021.

36.3.5.1 L-għaqda qed titlob li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż kollha marbuta mal-għeluq ta' toroq li jinkludu l-permessi tal-pulizija, il-pulizija/*wardens extra* fil-ġranet tal-attività, barrikati tal-pulizija kif ukoll il-ġarr minn u lejn il-garaxx tal-pulizija u s-*securities* li jieħdu nota tan-nies preżenti kif ukoll it-temperatura.

36.3.5.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li japprovaw sa massimu ta' €500 matul is-sena 2021 għal kull għaqda tal-festa. Dawn il-fondi diġà ħadu parti minnhom fi ħlas għall-gwardjani/pulizija fil-festi. Għaldaqstant l-ammont li ser jingħata għall-attività tal-Milied ser ikun dak l-ammont li fadal jieħdu wara li jitnaqqsu l-fondi li ħadu.

36.3.5.3 Il-Kunsilliera qablu ukoll li l-Kunsill għandu jkun inkluż mal-lista ta' dawk li għenu biex din l-attività tkun tista' titella'.

36.3.5.4 Apparti hekk il-Kunsilliera qablu li l-għaqdiet kollha jkunu nfurmati li l-Kunsill qabel li għas-sena 2022 ser ikun qed jagħmel fond kif ġej - €1000 lill-Għaqda Mużikali San Leonardu u s-Soċjetà Mużikali San Ġużepp; €500 lill-Kirkop United FC; €250 lill-Għaqda Kulturali Kirkop u Kirkop Paegant Group u €150 lill-għaqdiet oħra. Dan il-fond jinħareġ kontra spejjeż li jkunu saru għal xi attività jew bżonn ieħor tal-għaqda wara li tali spiża tkun ġiet mitluba u approvata mill-Kunsill. Dan il-fond isir b'kuntratt mal-għaqda rispettiva u jsir għal sena u jkun jista' jerġa' jiġġedded b'deċiżjoni tal-Kunsill.

36.3.5.5 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-fond ta' għajnuna lill-għaqdiet lokali jiġi approvat kif spjegat f'minuta 36.3.5.4, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

36.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għal-laqgħa mingħand Leap! biex jiġi diskuss kif nistgħu naħdmu flimkien.

36.3.6.1 Is-Sindku qal li ser ikun qed jitkellem magħhom biex jagħtuh appuntament differenti għax fid-data li talbu huma ma kienx jista'. Is-Sindku kompla jgħid li wara li jiltaqa' magħhom ser ikun qed jagħti *feedback* lill-Kunsill waqt is-seduta li jmiss.

36.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta lura mingħand il-Malta International Airport rigward il-proġett ta' restawr taċ-ċimiterju ta' Ħal Kirkop.

36.3.7.1 F'dan il-ħin il-Kunsillier Cody Galea iddikjara kunflitt ta' interess u talab biex jiġi skużat u ħareġ mil-laqgħa.

36.3.7.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-MIA kienu qalulna li l-ispiża għar-restawr taċ-ċimiterju kienet waħda għolja u minħabba l-impatt li ħalliet il-Covid-19 fuq id-dħul tal-ajruport, dan il-proġett ma setgħax isir.

36.3.7.3 Hu kompla jgħid li l-MIA kienu talbu biex jaraw jekk jistgħux jgħinu fl-proġett tal–*observation area.*

36.3.7.4 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tgħaddi l-pjanti u l-BOQs tal-*observation area* lill-MIA u titlob risposta jekk hux lesti li jħallsu dan il-proġett kollu minn naħa tagħhom. Il-Kunsill għandu bżonn risposta kemm jista' jkun malajr biex jara kif se jmexxi.

36.3.7.5 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier Cody Galea biex jerġa' jidħol għal-laqgħa.

36.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni dwar il-klassijiet ta' yoga għall-adulti.

36.3.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għalissa dawn is-sessjonijiet ma jsirux.

36.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien bagħat ittra dwar l-iffirmar tal-kuntratt ta' użu tas-Sala tal-Kunsill bħala Day Centre.

36.3.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li jekk il-Kunsill ma jirċivix risposta fi żmien ħmistax minn meta intbgħatet din il-korrispondenza, il-Kunsill għandu jibgħat *reminder* biex dan il-kuntratt jiġi ffirmat kemm jista' jkun malajr.

36.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* dwar xogħol volontarju minn resident.

36.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din il-persuna tagħmel xogħol volontarju fl-uffiċċju b'konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv.

36.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward informazzjoni li qed tingħabar mill-Awtroità tal-Ippjanar dwar id-Development Planning Fund.

36.3.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat tinforma lill- Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li l-Kunsill għadu qed jiddiskuti proġetti li ser isiru u għaldaqstant ma għandniex risposta għalissa.

36.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilli li l-iskema dwar l-LC Care Project, marbuta mal-għajnuna għall-feeders tal-istray cats kienet ser tagħlaq fl-aħħar ta' Novembru 2021.

36.3.12.1 Is-Sindku qal li ser ikun qed jara jekk din l-iskema tistax tiġġedded għax il-fond dwar il-VET u l-mediċina ma kienx għadu ntuża kollu.

## 36.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

36.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ssuġġerixxa li l-proġett ta' Triq ir-Ramlija jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill għax jekk ser nibqgħu nistennew ir-risposti mingħand l-entitajiet ser nibqgħu ma mmexxux.

36.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-proposta u qablu li jaraw x'hemm bżonn isir biex ikunu jistgħu jmexxu. Il-Kunsillier John Luke Cassar ser ikun qed iġib il-qies eżatt tal-iBins biex ikun jista' jipprepara sketch tal-platform u jiddiskuti mal-ħaddiema biex jibda x-xogħol.

36.4.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li fi Triq San Nikola xorta waħda għadu joqgħod l-ilma għalkemm sar *culvert* żgħir taħt il-bankina.

36.4.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li tintbagħat *email* lil Infrastracture Malta u nitolbu li din il-parti ta' Triq San Nikola issir għax joqgħod ħafna ilma u ssir ukoll il-parti ta' Triq l-Industrija sar-*roundabout* ta' ħdejn il-mina.

36.4.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana talbet biex tiġi skużata u telqet mil-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-19:30hrs.

36.4.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hu kien tkellem mar-residenti ta' Triq l-Aħfar rigward it-triq u dawn qalulu li hemm *issues* biex wieħed jidħol fil-garaxx jekk din issir *one way*.

36.4.4.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li Triq Francis Mizzi tiġi *one way* billi ssir *No Entry* minn naħa ta' Triq Ta' l-Aħfar, għax kif qegħda fil-kisra hemm *blind corner*. Kien hemm qbil li tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta.

36.4.5 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li hemm bżonn jiġu rranġati l-ħitan fi Triq Valletta, fil-bidu tagħha.

36.4.5.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

36.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar ta *feedback* dwar il-party tal-anzjani u informa lill-Kunsill li l-ikel kien ordnat. Fir-rigward ta' tifkira żgħira lil dawk li ser jattendu kien hemm qbil li jingħata *merchandise* tal-Kunsill li jsir personalizzat bl-ismijiet. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

36.4.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar l-arbli tal-Kunsill.

36.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn kienu ġew ordnati u li l-Kunsill kien qed jistenna li dawn jitlestew.

36.4.8 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi risposta minn TM dwar is-*safety barriers*.

36.4.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jistenna li jingħata data għal *meeting* ma' TM biex tiġi diskussa din il-materja. Is-Sindku talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jagħtih dati li jkun jista' biex jattendi miegħu għal dan il-*meeting*.

36.4.9 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien innota li l-Kunsill qed ikollu charge għal kull pagament li jsir permezz tal-EPOS.

36.4.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li din hija materja li tolqot lill-Kunsilli kollha u ser ikun qed jitkellem ma' Sindki oħrajn biex jaraw kif ser imexxu fuqha.

36.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar Triq San Leonardu u l-mod kif qed jipparkjaw il-karozzi.

36.4.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li ssir kaxxa bajda bejn il-bibien, fejn hemm il-*bollards*.

36.4.11 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar it-toqob tan-nar tal-art.

36.4.11.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-aħħar informazzjoni li kellu kienet li l-kuntrattur li ser iħaffer il-ħofor ser jiċċekkja minħabba s-servizzi li hemm għaddejin.

36.4.12 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa jekk il-Kunsill kellux xi feedback minn żgħażagħ rigward is-sejħa għall-proġetti tal-Erasmus+.

36.4.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm il-Kunsill daħal għal-laqgħa ma kien hemm ebda *feedback.*

36.4.13 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar iż-żbir tas-siġra tal-eucalyptus li hemm quddiem il-Leap!

36.4.13.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill ma kienx ingħata permess mill-ERA biex din tinżabar minħabba li skont l-uffiċjali tal-ERA din mhux qed tagħmel l-ebda ħsara.

36.4.14 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar iż-żbir tas-siġar ta' Triq San Remiġ. Hu qal li hemm bżonn li dawn isiru urġenti.

36.4.14.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-permess biex jinżabru dawn is-siġar kien ħareġ fl-istess ġurnata tal-laqgħa u kien ser isir ix-xogħol mill-ewwel jekk it-temp jippermetti.

36.4.15 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa lis-Sindku meta kienu ser isiru r-road markings ta' Triq Valletta.

36.4.15.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jerġa' jitkellem ma' Infrastracture Malta biex jara għaliex dawn għadhom ma sarux.

36.4.16 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li kien mar jara il-*fence* tal-parkeġġ f'Kirkop 2 u dan jista' jiġi rranġat biex il-parkeġġ ikun miftuħ 24 siegħa kuljum.

36.4.16.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed isib data biex fiha isir *meeting* mal-partijiet konċernati biex naraw il-pass li jmiss.

36.3.13 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-20:30hrs.

## 36.5 Rapport tal-Ilmenti

36.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward id-*Disabled Communal Parking Bay* fi Triq Raffaele Caruana fejn il-Kunsill intalab iressaqha lejn l-iSports Complex għax fejn qegħda xorta hemm ‘il bogħod.

36.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li din id-*Disabled Communal Parking Bay* għandha tersaq.

36.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward *parking bay* fi Triq Salvu Sacco fejn il-Kunsill intalab iressaq din il-*parking bay* minħabba li qed tostakola garaxx.

36.5.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiċċekkja jekk din tistax tersaq.

36.5.3 Is-Sindku Terence Agius qal li hemm bżonn isir double yellow line ta’ 5mtrs mill-kantuniera ta’ Triq Nerik Xerri.

36.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan isir.

36.5.4 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li meta sar it-tarmak mill-WSC fi Triq Tal-Fieres, l-i*stop sign* ma kinetx reġgħet inżebgħet.

36.5.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tagħmel l-ordni biex isir dan ix-xogħol.

36.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 36.6 Manutenzjoni ta’ Ġonna u *Soft Areas*

36.6.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien qed jerġa’ jressaq dan l-*item* fuq l-aġenda peress li fil-laqgħa li għaddiet ma kienx ġie diskuss.

36.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li x-xogħol fil-ġonna u s-*soft areas* ħa spinta 'l quddiem u jidher li l-ġardinar qed imexxi aħjar.

36.6.3 Il-Kunsilliera ddiskutew ix-xogħol kif inhu għaddej u qablu li x-xogħol f'dan il-qasam żdied sew u għaldaqstant kien hemm bżonn li ssir sejħa għal ġardinar fuq bażi *full time*.

36.6.4 Il-Kunsill ikkonferma dan il-bżonn filwaqt li kkonferma li għandu fondi biex iħallas is-salarju addizzjonali b'mod indefinit.

36.6.5 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex tinħareġ vakanza għall-impjieg għall-Ġardinar fuq bażi *full time*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 36.7 Ġnien f'Misraħ iż-Żerniq

36.7.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa, hu kien tkellem ma' kuntrattur dwar il-problema tad-dawl tal-ġnien f'Misraħ iż-Żerniq.

36.7.2 Is-Sindku Terence Agius qal li minħabba l-problemi kollha tad-dawl li hemm f'din il-pjazza u li għalkemm saru l-isforzi kollha dawn ma jistgħux jiġu solvuti, l-aħjar triq hija li d-dawl tal-ġnien isir mill-ġdid.

36.7.3 Il-Kunsillier John Luke Cassar iddikjara kunflitt ta' interess u għaldaqstant ħareġ mil-laqgħa.

36.7.4 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li biex dan isir l-ispiża titla' għal madwar €17,000.

36.7.5 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ġie deċiż li l-Kunsill jara minn fejn ser iġib il-fondi.

36.7.6 F'dan l-istadju is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsillier John Luke Cassar biex jerġa' jidħol lura għal-laqgħa.

## 36.8 Grada tal-Kunsill

36.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kif kien ġie diskuss fl-aħħar laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv kienet talbet stima dwar il-grada tal-Kunsill mingħand ħaddied.

36.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-istimi kollha miġbura u l-Kunsilliera ddiskutew dawn l-istimi.

36.8.3 Ġie deċiż li x-xogħol tal-grada jingħata lill-orħos offerent.

36.8.4 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-grada tal-Kunsill tiġi ordnata mingħand l-orħos offerent, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 36.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

36.9.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 120 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

36.9.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 120 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 36.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

36.10.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

36.10.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 15 ta' Diċembru, 2021 fl-16:00hrs.

36.10.3 Il-laqgħa ntemmet fit-20:55hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 15 ta' Diċembru, 2021

**Mozzjoni Ref:** 195/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 35.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 196/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-fond ta' għajnuna lill-għaqdiet lokali jiġi approvat kif spjegat f'minuta 36.3.5.4.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Shembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 197/21/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 198/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ vakanza għall-impjieg għall-Ġardinar fuq bażi *full time.*

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 199/21/9

**Mozzjoni:**

Biex il-grada tal-Kunsill tiġi ordnata mingħand l-orħos offerent.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Shembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 200/21/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 120.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 18 ta' Novembru, 2021

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**